**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 83/07**
It-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 8:00PM* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

83.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

83.5 Rapporti;

83.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 68/07;

83.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;

83.8 Mozzjonijiet;

83.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 83.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. — Ittri ta' Apoloġija

## 83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 83/2018 tat-Tlieta 23 ta' Mejju 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien għadu kollox hekk kif kien irraporta fl-aħħar laqgħat. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i.i** Sadanittant s-Sindku reġa kkonferma mal-Kunsill li Jimmy Vella ta' VELLA GROUP kien għadu qed iċempillu. Spjega li ladarba l-ammonti tagħna kienu kkonfermati mal-Accountants tal-Kunsill, hu kien qed jissuġġerixxi li, jekk Jimmy Vella kien ukoll ser jaqbel ma' dawn l-ammonti tagħna, nħallsu dan l-ammont u b'hekk naqtgħu l-pendenzi kollha li kien hemm ma' dan il-kuntrattur. Issuġġerixxa li jiġi ffirmat ukoll agreement bejn iż-żewġ partijiet flimkien mal-avukati rispettivi.

**i.i.i** Il-Kunsillieri Frans Agius u Lawrence Bonavia t-tnejn qablu li qabel ma nipproċedu b'xi ħlas lill-Kuntrattur kelna niċċekjaw mal-Awtoritajiet jekk stajniex inħallsu l-bilanċ kollu f'daqqa u fil-każ li jkollna l-approvazzjoni tal-Awtoritajiet allura huma jaqblu li nipproċedu kif ssuġġerit mis-Sindku.

**ii.i** Kompla jispjega s-Sindku li l-problema bħalissa kienet li l-kuntrattur kienet bgħatet il-kont u l-Perit kien bgħat iċ-ċertifkat għal dan ix-xogħol. Pero dawn ma kienu jaqblu xejn bejniethom. Ied jispjega s-Sindku li l-istima oriġinali li kien bgħat il-perit bejn wieħed u ieħor kienet ta' €49,000 filwaqt li issa ċ-Ċertifikat kien għall-valur ta' €114,443.90 u filwaqt li l-kont tal-kuntrattur kien €109,786+€7,969 xogħol relatat mal-WSC. Sadanittant qal li meta kien intbgħat l-ewwel darba l-kont tal-Perit kien hemm valur ta' madwar €10K għal xogħol ta' *drainage chamber slabs*. Qal ukoll li l-kuntrattur kienet bgħatet lill-Perit tal-Kunsill li fil-verifika tiegħu kien hemm 3 items neqsin u li kienu – type1, traffic management u *surcharge* tal-ħidma ta' bil-lejl. Il-kunsillier Ismael Dalli staqsa jekk nistgħux nitolbu lill-Perit jiċċara għaliex din il-varjazzjoni fil-kontijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li nitolbu lill-Perit biex jagħmel verifika tal-kont filwaqt li jagħmlilna wkoll rapport. — Perit Mintoff

**ii.i.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur DIMBROS ħallas il-multi u għaldaqstant konna mexjin bil-permessi għal Triq il-Fieres. Qal lukoll li l-Kunsillier Frans Agius kien għaddielu xi ismijiet ta' persuni tal-health and safety u hu diġa għamel kuntatt ma xi ħadd minnhom u kellmu biex jara ettament x'hemm bżonn isir ladarba jibda x-xogħol fi Triq il-Fieres. Żied jgħid li kien baqa ma din il-persuna li ġimgħa qabel ma kien ser jibda x-xogħol kien ser jerġa jagħmel kuntatt miegħu.

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna — Turf tal-ground 5 aside

għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara min kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Żied jgħid is-Sindku li dan wara li qed jintbgħatu r-reminders lill-istess Sur Tony Cassar.

**iv.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kull darba li jiltaqa' mal-Ministru kien qed jerġa jfakkru fuqhom. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**v.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kien ingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq, wara l-aħħar meeting li kien sar bejn is-Segretajru Permanenti, l-AKL, ir-Regjun Nofsinhar flimkien miegħu bħala President Reġjun Xlokk kien hemm żviluppi favorevoli għaliex kien ġie aċċettat li bħala Reġjun ningħataw dawn il-fondi biex jinqasmu bejn il-Kunsilli li kienu applikaw. Żied jispjega li għaldaqstant il-proċess kien inbeda. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna qed naffaċċjaw problemi kważi ta' kuljum minħabba rimi ta' skart mhux kif suppost fl-istess bring in sites kif ukoll mad-dawra tagħhom. Żied jispjega li sadanittant kien għadu qed jipprova jagħmel arranġamenti mal-Cleansing Dept pero kien għad ma sar xejn. Ġie deċiż li nikkuntatjaw lill-kuntrattur tal-Bring In Sites biex jibdel l-skips attwali ma' dawk forma ta' qanpiena. Espressjoni ta' Interess miż-żewġ Operaturi.

**vii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**vii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħa preċedenti dwar il-*bus shelter* ta' Triq Palma. Żied jgħid li l-AKL kienet bgħatet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar din il-materja. Bus Shelter Triq Palma

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-binja fi Triq San Mikiel li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien, jidher li mill-uffiċċju elettorali kienu nbgħatu ittri lir-residenti tal-blokka fejn kienu qed jinfurmawhom li kienu ser jerġgħu jiġu rilokati mal-Fgura peress li l-bieb ta' barra kien jagħmel mal-Fgura. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' madwar €22,000 bħala fondi li kien għad fadallu jieħu tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* dawn issa kienu daħlu fil-kont u għaldaqstant dan issa ġie kkunsidrat bħala konkluż. Proġett ERDF213

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, il-proċess kien miexi u konna qed nistennew l-għaxart ijiem jgħaddu sabiex nirċievu mingħand xi offerenti tweġibiet għal kjarifiċi li konna tlabnihom. Żied jispjega Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

li ladarba dawn l-10 ijiem ta' xogħol jgħaddu, konna stajna mmexxu skond il-każ.

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xiv.** Il-Kunsillier Ismael Dalli rraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir-raħal fejn qal li kien għadu qed jiġbor kwotazzjonijiet għal tip ieħor. Bicycle Racks

**xv.** Fir-rigward tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku u Bulky Refuse, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu qed jiġu ppreparati id-dokumenti tal-offerti. Skart Domestiku

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq facebook. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u ddifferixxa għat-2 ta' Ottubru 2018. Kawża l-Qorti

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien daħal suggeriment dwar *traffic management* Talbiet TM

- KEEP CLEAR 1.5M Ta Crispi, Triq il-Kbira.

**xviii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ma sabx oġġezzjoni li din l-istess talba tiġi milqugħa.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur REFAB Malta li kien qed jipprovdina bis-servizz ta' skips għal ġbir ta' ħwejjeġ kien ġab kuntratt fejn dan il-Kunsill jintrabat għal servizz miegħu biss. REFAB

**xix.i** Saret diskussjoni fuq dan il-kuntratt u ġie deċiż li jridu jittranġaw xi punti filwaqt li kienu jridu jiżdiedu oħrajn. Il-Kunsillier Frans Agius qal li dan l-Kuntratt għandu jiġi mġedded sena b'sena, filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li l-frekwenza ta' tbattil tal-iskips għandha tkun skond il-bżonn u mhux darba f'ġimgħa kif indikat.

**xix.ii.** Il-Kunsill unanimament qabel li dawn il-punti jitressqu għad-diskussjoni mal-Kuntrattur.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand Patri Mario Attard OFM sabiex jinnomina lil Fr Bertrand Vella għal Ġieh Ħal Tarxien bħala apprezzament tax-xogħol kbir u fejjiedi li jagħmel mal-pazzjenti fl-Isptar Mater Dei. Suġġeriment għal Nominazzjoni

**xx.i.** Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jekk il-Kunsill jerġa jibda jorganizza Ġieh Ħal Tarxien kien ser jikkunsidra din il-proposta. Pero sadanittant din it-talba kienet ser tibqa sospiża għal żmien indeterminat.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu personali kien rċieva ittra mingħand il-credit info tal-MELITA PLC fejn dawn kienu qalulu li jekk ma jħallasx il-kontijiet pendenti tal-Kunsill mal-Melita kienu ser itallawH il-Qorti u jfittxuh personali. Qal li sadanittant hu kien mar l-fergħa tal-Melita plc ġewwa Raħal Ġdid biex jiċċara li dawn il-kontijiet ma' kenux tiegħu personali imma tal-Kunsill Lokali pero jidher li kien għalxejn għaliex il-Kontijiet tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien dak iż-żmien kienu ħarġu fuq ismu bħala s-Sindku ta' Ħal Tarxien. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li l-Kunsill iħallas dak kollu pendenti li hemm ma' din il-kumpanija. MELITA plc

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fit-8:00pm.*

**xxii.** Is-Sindku reġa fakkar dwar iċ-ċelebrazzjoni għal Jum Ħal Tarxien nhar il-Ħadd 24 ta' Ġunju 2018 li dwar dan diġa kien hemm qbil unanimu fil-laqgħa preċedenti. JĦT2018

**xxii.i** Il-programm propost kien ser ikun bħas-snin ta' qabel li jibda b'quddiesa fil-knisja parrokkjali, wara jitlaq korteo sa fejn il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra fejn jitpoġġew kuruni mal-istess Monument u titla' l-bandiera ta' Ħal Tarxien.

**83.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

i. Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**83.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**83.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

i. Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.66/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**83.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**83.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**83.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fit-8.15PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tlieta 24 ta' Lulju 2018 fil-5.30pm.

***(IFFIRMATA)***
________________________
**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

***(IFFIRMATA)***
________________________
**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**